

**OPINJONI TAL-KUNSILL****tal-10 ta' Marzu 2009****dwar il-Programm aġġornat ta' Stabbiltà ta' Spanja 2008-2011**

(2009/C 68/04)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

TA DIN L-OPINJONI:

- (1) Fl-10 ta' Marzu 2009 l-Kunsill eżamina l-programm ta' stabbiltà aġġornat ta' Spanja, li jkopri l-perjodu bejn l-2008 u l-2011.
- (2) Skont il-previżjoni interim ta' Jannar 2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni, it-tkabbir tal-PDG Spanjol naqqas ir-ritmu fl-2008 għal 1,25 % f'termini reali. Spanja qed taffaċċja sfidi domestiċi u esterni ta' adattament. Domestikament, is-settur tad-djar qed jiċkien, filwaqt li l-prezzijiet tad-djar qed jaqa'. Esternament, l-iżbilanċ persistenti tal-kont kurrenti wassal għal dejn li qed jikber b'pass mgħaġġel, u dan qed jirriżulta f'żieda ta' ħlasijiet ta' interessi barra mill-pajjiż. Mill-ewwel nofs tal-2008 'l hawn, l-awtoritajiet Spanjoli adottaw bosta miżuri sabiex jistimolaw l-attività ekonomika. Dawn jinkludu tnaqqis temporanju u permanenti tat-taxxa u proġetti ta' investiment, li jammontaw għal madwar 2 % tal-PDG tal-2009, kif ukoll għal serje ta' riformi strutturali. Barra minn dawn il-miżuri diskrezzjonarji, il-finanzi pubbliċi huma affettwati severament mill-kriżi ekonomika, li tillimita l-isparju għal stimoli fiskali ulterjuri mingħajr ma tikkomprometti pożizzjoni baġitarja b'saħħitha għal perjodu fit-tul. Għalhekk, Spanja qed taffaċċja l-isfida li ssaħħaħ it-tkabbir potenzjali fi żmien ta' kriżi ekonomika imtawwal, filwaqt li tiffaċilita l-korrezzjoni dejjem għaddeja tal-iżbilanċi makroekonomiċi eżistenti.
- (3) Ix-xenarju makroekonomiku li jservi ta' bażi għall-programm jipprevedi li l-PDG se jiċkien b'1,6 % f'termini reali fl-2009 u jirkupra fl-2010 u l-2011 bi tkabbir reali tal-PDG ta' 1,2 % u 2,6 % rispettivament. L-aċċelerazzjoni tkun fil-biċċa l-kbira mbuttata mid-domanda domestika, filwaqt li l-iżbilanċ estern huwa pprojetat li jonqos minn aktar minn 9 % tal-PDG fl-2008 għal 5,5 % fl-2011. Il-programm jieħu kont tal-miżuri ta' stimolu adottati b'reazzjoni għall-kriżi ekonomika, iżda ma jippreżentax stimi espliċiti tal-impatt tagħhom fuq it-tkabbir reali tal-PDG. Meta vvalutat mal-informazzjoni disponibbli attwalment <sup>(2)</sup>, dan ix-xenarju jidher li huwa bbażat fuq suppożizzjonijiet kemmxejn favorevoli għall-2009 u suppożizzjonijiet nettament favorevoli minn hemm 'il quddiem. Permezz ta' riduzzjoni fil-bilanċ tal-iżbilanċ tal-prodotti u s-servizzi, il-programm jipprevedi tnaqqis tal-iżbilanċ estern minn 9,2 % tal-PDG fl-2008 għal 5,4 % tal-PDG fl-2011.
- (4) Għall-2008, l-iżbilanċ ġenerali tal-gvern huwa stmat għal 3,4 % tal-PDG <sup>(3)</sup> fil-previżjoni interim ta' Jannar tal-2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni, skont iċ-ċifra li tinsab fil-programm aġġornat ta' stabbiltà. Minkejja dan, dan huwa ferm aktar baxx mill-mira ta' bilanċ favorevoli ta' 1,2 % stabbilit fl-aġġornament preċedenti. Id-deterjorament baġitarju jirriżulta kemm minn miżuri diskrezzjonarji kif ukoll minn attività ekonomika ħafna aktar dgħajfa. It-tnaqqis tad-dħul mit-taxxa diretta jirrifletti taħlita ta' tnaqqis tat-taxxa personali u tat-taxxa fuq il-kumpaniji u tnaqqis sinifikanti fil-profitti tal-kumpaniji, marbuta ma' swieq dgħajfa tal-assi, inkluż is-settur tal-proprjetà.

<sup>(1)</sup> ĠU L 209, 2.8.1997, p 1. Id-dokumenti msemmija f'dan it-test huma disponibbli fuq: [http://ec.europa.eu/economy\\_finance/about/activities/sgp/main\\_en.htm](http://ec.europa.eu/economy_finance/about/activities/sgp/main_en.htm)

<sup>(2)</sup> Din il-valutazzjoni tieħu kont b'mod speċjali tal-previżjoni interim tal-2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni, iżda wkoll informazzjoni oħra li saret disponibbli minn dak iż-żmien 'il hawn.

<sup>(3)</sup> Fid-dawl tal-ksur rappurtat tal-valur ta' referenza tat-Trattat, fit-18 ta' Frar 2009 l-Kummissjoni ħejjiet rapport skont l-Artikolu 104(3) tat-Trattat.

Id-dħul mit-taxxa indiretta naqas minħabba d-deċelerazzjoni fl-infiq tal-konsumatur u partikolarment minħabba l-kontrazzjoni ta' transazzjonijiet fin-negozju tad-djar, kif ukoll miżuri li jnaqqsu d-dħul ta' natura eċċezzjonali, bħalma huma l-bidliet fil-ħlasijiet u d-dikjarazzjonijiet tal-VAT. In-nefċiet li qabżu l-estimi jirriflettu partikolarment il-ħidma ta' stabilizzaturi awtomatiċi permezz ta' trasferimenti soċjali ogħla, inklużi l-benefiċċji tal-qgħad.

- (5) L-aġġornament jippjana żbilanċ baġitarju ta' 5,8 % tal-PDG fl-2009, meta mqabbel ma' projezzjoni ta' 6,2 % fil-previżjoni interim tas-servizzi tal-Kummissjoni. Id-deterjorament tal-bilanċ baġitarju huwa spjegat permezz tal-adozzjoni ta' numru ta' miżuri diskrezzjonarji li jammontaw għal madwar 2 % tal-PDG, iżda wkoll permezz tal-ħidma ta' stabilizzaturi awtomatiċi bi tweġiba għall-kriżi ekonomika (stmati għal madwar 1 % tal-PDG). Il-miżuri diskrezzjonarji jinkludu l-pakkett ta' stimolu ta' Novembru 2008 (frit aktar minn 1 % tal-PDG). Il-pakkett jipprevedi l-ħolqien ta' Fond Ċentrali tal-Gvern għall-Investment Pubbliku Lokali, mgħammar bi 0,75 % tal-PDG, bil-għan li jwettagħ xogħlijiet pubbliċi ġodda. Miżuri eċċezzjonali li jnaqqsu d-dħul jammontaw għal madwar 0,75 % tal-PDG, inkluża l-modifika tas-sistema għad-dikjarazzjonijiet tal-VAT u t-tnaqqis tat-taxxa f'ras il-għajn fuq id-dħul personali għal kontributuri b'ipoteki. Komplessivament, il-pożizzjoni tal-politika fiskali ser tkun espansjonista fl-2009 u f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-EERP (Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku).
- (6) Wara li laħaq quċċata fl-2009, l-iżbilanċ nominali huwa mistenni jaqa' taħt l-4 % tal-PDG fl-2011. Bl-istess mod, il-bilanċ primarju se jilħaq żbilanċ ta' 1,9 % tal-PDG sal-2011, li jitqabbel ma' żbilanċ ta' 4,1 % fl-2009. F'termini strutturali, l-iżbilanċ tal-gvern se jiżdied minn 3,5 % tal-PDG fl-2008 għal 4,75 % fl-2009 li jirrifletti impatt baġitarju ta' miżuri diskrezzjonarji, iżda wkoll it-tnaqqis fid-dħul relatat mal-aġġustament dejjem għaddej fis-settur tal-proprjetà. Dan jeskludi ż-0,75 punti perċentwali tal-PDG ta' miżuri eċċezzjonali ta' tnaqqis tad-dħul fil-baġit tal-2009.

L-aġġornament jistabbilixxi rotta ta' aġġustament fiskali, filwaqt li jipprevedi titjib fil-bilanċ strutturali ta' 1,25 % u kemmxejn ogħla minn 0,5 % tal-PDG fl-2010 u l-2011 rispettivament. B'riżultat ta' dan, il-programm jipprevedi tnaqqis fl-iżbilanċ strutturali ta' 2,75 % fl-2011 <sup>(1)</sup>. Skont il-programm, l-għan ta' dan l-aġġustament huwa li jerġa' jintlaħaq l-oġġettiv baġitarju għal perijodu medju (MTO) ta' pożizzjoni bilanċjata, iżda mhux mistenni li jintlaħaq fil-perijodu tal-programm. It-titjib fl-2010 jista' jiġi spjegat parzjalment min-natura temporanja tal-pakkett ta' stimolu adottat f'Novembru 2008. Min-barra dan, il-programm ma jiċċarax il-miżuri li jirfdu d-deterjorament ipprojettat fil-bilanċ strutturali. Id-dejn gross tal-gvern, stmat 39,5 % tal-PDG fl-2008, huwa previst li jiżdied b'madwar 14-il punt matul il-perijodu tal-programm. Flimkien maż-żieda fl-iżbilanċ u d-deterjorament tat-tkabbir tal-PDG, l-akkwist ta' assi mill-banek fi ħdan il-qafas tal-pakkett ta' salvataġġ finanzjarju jikkontribwixxi għaż-żieda fil-proporzjon tad-dejn, prinċipalment fl-2009.

- (7) L-eżiti tal-baġit huma soġġetti għal riskji negattivi matul il-perijodu tal-programm. L-ewwelnett, ix-xenarju makroekonomiku projettat fl-aġġornament jidher li huwa bbażat fuq suppożizzjonijiet favorevoli ta' tkabbir, partikolarment għall-aħħar snin tal-programm. It-tieni, miri baġitarji għall-2010 u l-2011 mhumiex sostnuti minn miżuri, ħlief is-sospensjoni mħabbra tal-pakkett ta' Novembru 2008. Barra minn hekk, il-gvernijiet reġjonali u lokali huwa permessi jkollhom żbilanċ fl-2009 mingħajr l-obbligu tas-soltu li jippreżentaw pjan ta' bilanċjar mill-ġdid, f'konformità mal-Att dwar l-Istabbiltà Baġitarja li jippermetti għal din l-eżenzjoni meta l-attività reali tal-ekonomija titbiegħed sostanzjalment mill-previżjonijiet inizjali. L-evoluzzjoni tal-proporzjon tad-dejn tista' tkun inqas favorevoli minn dik prevista fl-aġġornament, fid-dawl tar-riskji għax-xenarju makroekonomiku u l-miri baġitarji, u l-inċertezza dwar l-impatt tal-garanziji mogħtija fil-kuntest tal-pakkett finanzjarju ta' salvataġġ. Madankollu, iż-żieda fid-dejn marbuta mal-miżuri mittieħda b'appoġġ għas-settur finanzjarju jitreggħu lura jekk l-iskema ta' appoġġ u l-operazzjonijiet finanzjarji marbuta magħha jkun ta' suċċess.

<sup>(1)</sup> Bl-użu tal-bilanċ rikalkolat aġġustat ċiklikament, abbażi tal-informazzjoni fil-programm, u d-definizzjoni ta' miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħra applikati mis-servizzi tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali għandu jkun ta' -3,1 % tal-PDG fl-2008, -4,1 % fl-2009, u -3,4 % fl-2010.

- (8) L-impatt baġitarju fit-tul tat-tixjiħ tal-popolazzjoni huwa ferm ogħla mill-medja fl-UE, l-iktar b'riżultat ta' żieda relattivament għolja fl-infiq fuq il-pensjonijiet bħala proporzjon tal-PDG tul id-deċennji li ġejjin. Filwaqt li l-pożizzjoni baġitarja b'saħħitha sal-2007 kkontribwiet biex tagħmel tajjeb parzjalment għall-impatt ipprojetat fuq medda twila ta' żmien tal-popolazzjonijiet li qed jixjieħu, għandu jirriżulta l-kuntrarju mill-iżviluppi baġitarji previsti fil-programm. Ukoll, jekk il-pożizzjoni baġitarja ta-2009 kif projettata mill-previżjoni interim tas-servizzi tal-Kummissjoni għandha tittieħed bħala l-punt ta' tluq, il-vojt tas-sostenibilità jitwessa' sostanzjalment fir-rigward tal-aħħar aġġornament. It-titjib tal-bilanċ primarju għall-perjodu medju u l-implimentazzjonijiet ta' aktar miżuri strutturali mmirati biex irażżnu ż-żieda sostanzjali fl-infiq relatat mal-età għandhom jgħinu biex jtnaqqsu r-riskji għolja għas-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi fil-perjodu fit-tul.
- (9) Il-qafas baġitarju tal-perjodu medju kien strumentali biex jippromwovi ppjanar fiskali xieraq u juri profil (*track record*) globali tajjeb, għalkemm dan tal-aħħar mar għall-aħħar mill-2008 'l hawn. Ma hemm l-ebda riformi ppjanati għal dan il-qafas. Madankollu, il-programm jiddeskrivi diversi riformi mmirati biex itejbu l-kwalità tal-finanzi pubbliċi. Min-naħa tad-dħul, dawn jinkludu tnaqqis fil-piż tat-taxxa fuq id-dħul miksub permezz ta' kreditu tat-taxxa fuq id-dħul personali li jammonta sa EUR 400 għal kull kontributor tat-taxxa, mekkaniżmu li javvanza l-kreditu tat-taxxa għall-ħlasijiet fuq ipoteka, it-tneħħija tat-taxxa fuq il-ġid u t-tieni fażi tar-riforma tat-taxxa korporattiva fuq id-dħul, kif ukoll miżuri mmirati biex itejbu t-tħaddim tas-sistema tat-taxxa, bħalma hija l-possibilità li jinkisbu rifużjonijiet tal-VAT fuq bażi ta' kull xahar. Min-naħa tan-nefqa, qed tingħata prijorità għan-nefqa produttiva flimkien mal-ħtieġa li l-konsum pubbliku intermedju jitrażżan. Il-programm jissottolinja r-rwol tal-Aġenzija Statali għall-Verifika tal-Politika Pubblika u l-Kwalità tas-Servizz bħala pass 'il quddiem fil-promozzjoni ta' kultura ta' verifika, li għandha ssaħħaħ l-effiċjenza u l-kwalità tas-servizzi pubbliċi.
- (10) L-awtoritajiet Spanjoli adottaw firxa ta' miżuri biex jistabbilixxu s-settur finanzjarju. Din tinkludi żieda tal-ammont tal-Fond ta' Depożitu u Garanzija tal-Investment (minn EUR 20 000 għal EUR 100 000 għal kull detentur ta' kont bankarju u kull bank) u l-ħolqien ta' Fond ta' Akkwist ta' Assi Finanzjarji bex jippromwovi s-self lil kumpaniji u individwi, mogħni bi EUR 30 biljun (qrib 3 % tal-PDG), inkluża l-possibilità ta' espansjoni sa EUR 50 biljun. Barra dan, l-awtoritajiet iddeċidew li jagħtu awtorizzazzjonijiet eċċezzjonali lill-Ministeru tal-Ekonomija u l-Finanzi biex jagħti garanziji Statali għal tranżazzjonijiet ġodda ta' finanzjament minn banek residenti Spanjoli fl-2009 sa EUR 100 biljun (10 % tal-PDG), li jimmatraw fi żmien ta' bejn tliet xhur u tliet snin, u biex jinkisbu garanziji maħruġa minn banek residenti Spanjoli biex isaħħu l-fondi tagħhom infushom.
- (11) Il-gvern Spanjol adotta miżuri fiskali diskrezzjonarji sinifikanti b'reazzjoni għall-kriżi ekonomika. Il-pakkett ta' stimolu għall-2009 huwa fkonformità mal-EERP maqbul f'Diċembru 2008 mill-Kunsill Ewropew u jirrappreżenta reazzjoni xierqa għall-kriżi ekonomika, li jipproduċi appoġġ temporanju għall-attività ekonomika fl-2009. Huwa jiffoka primarjament fuq l-investment, is-saħħa tal-akkwist domestiku, u n-negożju u l-SMEs. Miżuri li jammontaw għal madwar 1 % tal-PDG kienu diġà ppjanati f'pakketti speċifiċi f'April u Awwissu 2008, filwaqt li l-bqija jinkludu azzjonijiet ġodda adottati f'pakkett ta' stimolu fiskali ppreżentat f'Novembru 2008 (kemmxejn ogħla minn 1 % tal-PDG). Dan il-pakkett ta' Novembru 2008 huwa f'waqtu, immirat u temporanju. Huma fil-biċċa l-kbira jirreaġixxu għall-oġġettivi politiċi ewlenin mil-lat tal-perspettiva tal-perjodu qasir. L-aġġornament jinkludi wkoll serje ta' miżuri strutturali, li huma parti mill-aġenda ta' riforma politika fuq perjodu twil, iżda jgħinu biex jindirizzaw l-isfidi attwali ppreżentati mill-kriżi ekonomika. Dawn il-miżuri huma relatati mal-aġenda ta' riforma fuq perjodu medju u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi proposti mill-Kummissjoni fit-28 ta' Jannar 2009 skont l-Istrateġija ta' Lisbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi. Huma jimmiraw li itejbu l-potenzjal ta' tkabbir, isaħħu l-kompetittività u l-impjiegi kif ukoll jappoġġaw id-dħul ta' gruppi żvantaġġati, u jinkludu t-traspożizzjoni tad-direttiva tas-servizzi.

- (12) Il-pożizzjoni fiskali ġenerali fil-programm hija espansjonarja fl-2009 u moderament restrittiva fl-2010. B'mod aktar speċifiku, għall-2010 l-programm jimmira għal inverżjoni tal-espansjoni fiskali tal-2009 u għal titjib strutturali ulterjuri fl-2011. Madankollu, b'kont meħud tar-riskji għall-pjanijiet baġitarji, l-inversjoni fl-2010 tirrikjedi azzjoni ulterjuri biex tkun effettiva. Il-programm jipprojetta li l-iżbilanċ nominali jibqa' 'l fuq minn 3 % tal-valur ta' referenza tal-PDG. It-tnaqqis tal-iżbilanċ maħsub fil-programm għall-2010 u lil hinn minn dik is-sena mhux sostnut minn miżuri.
- (13) Fir-rigward tal-ħtiġiet tad-data speċifikati fil-kodiċi ta' mgħiba għall-programmi ta' stabilità u ta' konverġenza, il-programm jinkludi vojti fid-data obbligatorja u f'dik fakultattiva <sup>(1)</sup>.

Il-konklużjoni ġenerali hija li l-kriżi f'daqqa tal-attività ekonomika u xi miżuri diskrezzjonarji wasslu għal żbilanċ ta' 'l fuq minn 3 % tal-PDG fl-2008, wara perijodu pprolongat li fih il-finanzi pubbliċi Spanjoli kienu qrib il-bilanċ jew f'bilanċ favorevoli. Il-programm aġġornat tal-istabbiltà jimmira lejn stimolu fiskali sinifikanti fl-2009 f'konformità mal-EERP biex ipatti għall-kriżi kontinwa fl-attività ekonomika. Dan ser iwassal għal twessiegħ tal-iżbilanċ tal-gvern, filwaqt li l-proporzjon tad-dejn jibqa' anqas minn 60 % tal-PDG fil-wisa'. It-titjib tas-sostenibbiltà fiskali fuq perijodu twil għandu jibqa' prijorità. L-assunzjonijiet makroekonomiċi favorevoli jistgħu jimplikaw kontribut aktar baxx ta' tkabbir ekonomiku għall-konsolidament fiskali milli maħsub fil-programm, filwaqt li r-rotta ta' aġġustament mhijiex kompletament sostnuta b'miżuri konkreti. Barra minn dan, it-trawwim tal-kwalità tal-finanzi pubbliċi huwa importanti wkoll bil-ħsieb li jservi ta' bażi għall-aġġustament bla skossi tal-ekonomija fid-dawl tal-iżbilanċi li qed taffaċċja.

Fid-dawl tal-valutazzjoni ta' hawn fuq, Spanja mistiedna biex:

- (i) timplimenta l-politika fiskali tal-2009 kif ippjanat f'konformità mal-EERP u fil-qafas tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, waqt li tevita deterjorament ulterjuri tal-finanzi pubbliċi fl-2009, u tkompli b'determinazzjoni l-konsolidament strutturali sinifikanti fl-2010 u lil hinn, u ssostnieh b'miżuri;
- (ii) ittejjeb is-sostenibilità fil-perijodu fit-tul tal-finanzi pubbliċi billi timplimenta miżuri ulterjuri mmirati biex irażżnu ż-żieda fin-nefqa relatata mal-età;
- (iii) tiżgura li l-miżuri ta' konsolidament fiskali jkunu mmirati wkoll biex isaħħu l-kwalità tal-finanzi pubbliċi kif ippjanat fid-dawl tal-aġġustament meħtieġ ta' żbilanċi eżistenti.

#### Tqabbil tal-projezzjonijiet makroekonomiċi u baġitarji ewlenin

		2007	2008	2009	2010	2011
PDG reali (bidla f' %)	<b>PS Jannar 2009</b>	<b>3,7</b>	<b>1,2</b>	<b>- 1,6</b>	<b>1,2</b>	<b>2,6</b>
	COM Jan 2009	3,7	1,2	- 2,0	- 0,2	m.d
	PS Diċ 2007	3,8	3,1	3,0	3,2	m.d
Inflazzjoni tal-IAPK (%)	<b>PS Jannar 2009</b>	<b>m.d</b>	<b>m.d</b>	<b>m.d</b>	<b>m.d</b>	<b>m.d</b>
	COM Jan 2009	2,8	4,1	0,6	2,4	m.d
	PS Diċ 2007	2,7	3,3	2,7	2,8	m.d

<sup>(1)</sup> B'mod partikolari, data obbligatorja dwar miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħra (it-tabella 2), u data fakultattiva fuq l-IAPK (it-tabella 1b), il-produttività tal-ħaddiema għal kull siegħa maħduma (it-tabella 1c), in-nefqa ġenerali tal-gvern skont il-funzjoni (it-tabella 3), il-bilanċ strutturali (it-tabella 5) u informazzjoni dettaljata dwar żviluppi tad-dejn (it-tabella 4) — bħalma huma differenzi bejn il-kontanti u d-dovuti fl-iżviluppi tad-dejn ġenerali tal-gvern, l-akkumulazzjoni netta tal-assi finanzjarji, ammonti rikavati ta' privatizzazzjoni, effetti ta' valutazzjoni u oħrajn, assi finanzjarji likwidi, dejn finanzjarju nett — mhumiex mogħtija.

		2007	2008	2009	2010	2011
Differenza bejn il-produzzjoni effettiva u dik potenzjali <sup>(1)</sup> (% tal-PDG potenzjali)	<b>PS Jannar 2009</b>	<b>1,4</b>	<b>0,3</b>	<b>- 2,6</b>	<b>- 3,2</b>	<b>- 2,7</b>
	COM Jan 2009 <sup>(2)</sup>	1,5	0,8	- 2,3	- 3,4	m.d
	PS Diċ 2007	- 0,9	- 1,4	- 1,9	- 1,6	m.d
Self mogħti/meħud nett meta mqabbel mal-bqija tad-dinja (% tal-PDG)	<b>PS Jannar 2009</b>	<b>- 9,7</b>	<b>- 9,2</b>	<b>- 6,6</b>	<b>- 5,8</b>	<b>- 5,4</b>
	COM Jan 2009	- 9,7	- 9,0	- 6,7	- 6,2	m.d
	PS Diċ 2007	- 9,0	- 8,9	- 8,8	- 8,7	m.d
Dħul ġenerali tal-Gvern (% tal-PDG)	<b>PS Jannar 2009</b>	<b>41,0</b>	<b>37,0</b>	<b>37,5</b>	<b>38,3</b>	<b>38,7</b>
	COM Jan 2009	41,0	36,8	36,4	36,9	m.d
	PS Diċ 2007	40,800	40,4	40,4	40,3	m.d
Nefqa ġenerali tal-Gvern (% tal-PDG)	<b>PS Jannar 2009</b>	<b>38,8</b>	<b>40,4</b>	<b>43,3</b>	<b>43,1</b>	<b>42,6</b>
	COM Jan 2009	38,8	40,2	42,6	42,5	m.d
	PS Diċ 2007	39,0	39,2	39,2	39,1	m.d
Bilanċ ġenerali tal-gvern (% tal-PDG)	<b>PS Jannar 2009</b>	<b>2,2</b>	<b>- 3,4</b>	<b>- 5,8</b>	<b>- 4,8</b>	<b>- 3,9</b>
	COM Jan 2009	2,2	- 3,4	- 6,2	- 5,7	m.d
	PS Diċ 2007	1,8	1,2	1,2	1,2	m.d
Bilanċ primarju (% tal-PDG)	<b>PS Jannar 2009</b>	<b>3,8</b>	<b>- 1,9</b>	<b>- 4,1</b>	<b>- 2,9</b>	<b>- 1,9</b>
	COM Jan 2009	3,8	- 1,8	- 4,6	- 4,0	m.d
	PS Diċ 2007	3,4	2,7	2,6	2,6	m.d
Bilanċ aġġustat ċiklikament <sup>(1)</sup> (% tal-PDG)	<b>PS Jannar 2009</b>	<b>1,6</b>	<b>- 3,5</b>	<b>- 4,7</b>	<b>- 3,4</b>	<b>- 2,8</b>
	COM Jan 2009	1,6	- 3,7	- 5,2	- 4,2	m.d
	PS Diċ 2007	2,2	1,8	2,0	1,9	m.d
Bilanċ strutturali <sup>(3)</sup> <sup>(4)</sup> (% tal-PDG)	<b>PS Jannar 2009</b>	<b>1,6</b>	<b>- 3,5</b>	<b>- 4,7</b>	<b>- 3,4</b>	<b>- 2,8</b>
	COM Jan 2009	1,6	- 3,3	- 4,6	- 4,2	m.d
	PS Diċ 2007	2,2	1,8	2,0	1,9	m.d

		2007	2008	2009	2010	2011
Dejn gross tal-gvern (% tal-PDG)	<b>PS Jannar 2009</b>	<b>36,2</b>	<b>39,5</b>	<b>47,3</b>	<b>51,6</b>	<b>53,7</b>
	COM Jan 2009	36,2	39,8	46,9	53,0	m.d
	PS Diċ 2007	36,2	34,0	32,0	30,0	m.d

## Noti:

- (<sup>1</sup>) Differenza bejn il-produzzjoni effettiva u dik potenzjali u bilanċi aġġustati ċiklikament skont il-programmi kif ikkalkulati mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni fil-programmi.
- (<sup>2</sup>) Ibbażat fuq it-tkabbir potenzjali stmat ta' 3,0 %, 1,8 %, 1,0 % u 0,9 % rispettivament fil-perijodu 2007-2010.
- (<sup>3</sup>) Bilanċ aġġustat ċiklikament u jeskludi miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħrajn. L-ebda miżura ta' darba ma hija nkluża fl-iktar programm riċenti. Miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħrajn huma taħt 0,5 % tal-PDG fl-2008 u 'l fuq minn 0,5 % fl-2009, kollha kemm huma li jnaqqsu l-iżbilanċ, u huma inklużi fil-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni ta' Jannar 2009.
- (<sup>4</sup>) Bl-użu tal-bilanċ rikalkolat aġġustat ċiklikament, abbażi tal-informazzjoni fil-programm, u d-definizzjoni ta' miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħra applikati mis-servizzi tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali għandu jkun ta' -3,1 % tal-PDG fl-2008, -4,1 fl-2009, u -3,4 fl-2010.

## Sors:

Programm ta' Stabbiltà (PS); Il-previżjoni interim tas-servizzi tal-Kummissjoni ta' Jannar 2009 (COM); Kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni.